MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2007

Appell Civili Numru. 6/1994/2

**Francesco Camilleri**

**v.**

**Giovanni Muscat**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu appell f'kawza ta' spoll. Ic-citazzjoni giet prezentata fil-Qorti tal-Magistrati (Superjuri) Civili fit-13 ta' Jannar 1994. Mis-sentenza ta' dik il-Qorti – moghtija fl-20 ta' Mejju 2004 – appella l-attur fir-rigward tal-kap ta' l-

ispejjez, u l-konvenut appellat uzufruwixxa mid-dritt ta' appell incidentali biex jappella (incidentalment) anke mill-meritu.

**2.** Din il-Qorti sejra tirriproduci s-sentenza appellata fl-intier taghha, ghax minnha jirrizultaw b'mod car it-talbiet attrici, l-eccezzjonijiet tal-konvenut, u r-ragunijiet u motivazzjonijiet li wasslu lill-ewwel Qorti li tiddeciedi kif iddecidiet sia dwar il-meritu kif ukoll dwar il-kap ta' l-ispejjez:

"Il-Qorti:

"Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-attur, wara li ppremetta:

"Illi l-attur ghandu fil-pussess tieghu b'titolu qbiela bicca raba agrikola tal-kejl ta' cirka nofs tomna maghrufa "Tal-Bir" limiti, Nadur, Ghawdex, liema art tikkonfina mill-punent u lvant ma' Carmela Buttigieg, nofsinhar ma' Marcell Grima u tramuntana ma' Francesco Cremona, liema raba huwa soggett ghal passagg bir-rigel favur terzi;

"Illi l-konvenut Giovanni Muscat huwa wkoll fil-pussess b'titolu ta' qbiela ta' bicca art ohra fl-inhawi imsemmija "Tal-Bir" u li tinsab pero' habel 'l isfel mill-art tal-attur u jghaddi ghaliha minn gor-raba tal-attur;

"Illi ricentement u cioe` nhar it-Tnejn, 20 ta' Dicembru 1993, il-konvenut qala' u nehha parti mill-hajt tas-sejjieh illi jiccirkondi l-hamrija fir-raba tal-attur biex jinzel bil-mohriet fir-raba' tieghu u hallieh maqlugh a detriment tal-istess attur u b'periklu manifest li l-livell tal-hamrija li halla mikxuf jingarr mill-ilmijiet tax-xita kif qieghed fil-fatt isir;

"Illi bl-agir tieghu l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront u a dannu tal-attur.

"Talab lill-konvenut jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti:

"1. tiddikjara illi bl-agir tieghu huwa kkommetta spoll vjolent u klandestin fil-konfront u a dannu tal-istess attur;

“2. sussegwentement tikkundannah jispurga l-ispoll billi jerga' jtellgha l-hajt kif originarjament kien;

“3. fin-nuqqas tawtorizza lill-attur jaghmel ix-xoghlijiet a spejjez tal-konvenut u jekk jidhrilha opportun tinnomina perit arkitett sabies jissorvelja l-istess xoghlijiet.

“Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-attur debitament mahlufa minnu.

“Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa illi:

“1. In-nullita` tac-citazzjoni u dana peress illi l-attur ma setghax jippromwovi dina l-kawza wahdu u kellha tigu wkoll ikluza martu ;

“2. Illi fil-mertu u minghajr l-ebda pregudizzju ghall-premess, f'dan il-kazs ma jezistux it-tlett rekwiziti illi huma (i) "possedisse", (ii) "spoliatum fuisse", u (iii) “infra bi mestre deduxisse”;

“3. Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.

“Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut mahlufa minnu.

“Rat il-verbal taghha tat-3 ta' Frar 2004 fejn halliet il-kawza ghal-lum ghas-sentenza.

“Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti.

“Ikkunsidrat:

“Illi din hija kawza ta’ spoll. Dwar kawza ta’ dan it-tip gie mfisser illi:

*"In tema legali jinghad li l-'actio spolii' hija radikata pjuttost fuq l-ezigenzi ta' utilita` socjali milli fuq il-principju assolut tal-gustizzja, u hija eminentement intiza sabiex tkun estiza l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jigi mpedut li cittadin privat jiehu l-gustizzja f'idejh; b'mod li l-fini taghha huwa dak illi jigi restawrat l-istat tal-pussess li jkun gie skonvolt jew turbat;*

*"L-art. 572 (illum 535) tal-Kodici Civili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni pubbliku, u huwa inerenti ghall-fatt ta' min b'awtorita' privata jaghmel ghad-dannu ta' terza persuna att li, ghalkemm jista' jkollu dritt ghalieh, ma jkunx jista' jezercitah minghajr l-intervent tal-Qrati (ara Kasazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P. 1, pag. 555 tal-Annali tal-Gurisprudenza) . Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-ligi citata, ma ghandux jigi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodici tal-Organizazzjoni u Procedura Civili, li jahseb u jghid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli hlief eccezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-gurisprudenza lokali u estera (ara Vol. XXXI. I. 296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol. XXI. II. 83 P'Awla Civili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfemata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs. Cafici, Foro Catanese Vol. 1889, pagna 124; u dan biex inghataw xi sentenzi); ….." .* [1]"

"Illi, ghalhekk, kif gie ripetutament imfisser mill-qrati taghna, jenhtiegu tliet elementi sabiex tirnexxi kawza bhal din:

"(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-haga spoljata (*possedisse*) ;

"(ii) li gie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*); u

"(iii) li ghamel il-kawza fi zmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*).

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit : Prim'Awla: 12.4.1958 vol. XLII. .II. 975 .

"*Jekk imqar xi wiehed minn dawn ir-rekwiziti essenzjali ma jigix ppruvat, l-azzjoni taqa' minghajr ma jkun hemm bzonn li jigi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiziti l-ohra*."[2]

"Ghalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attrici, jrid jigi stabilit biss jekk jezistux fil-kaz in ezami it-tliet elementi msemmja. Qabel xejn pero` trid tigi mistharrġa eccezzjoni ta' natura preliminari mressqa mill-konvenut. Il-konvenut permezz ta' din l-eccezzjoni jeccepixxi n-nullita` ghax jikkontendi illi mart l-attur kellha tigi nkluza fic-citazzjoni. Il-konvenut pero` ma ressaqx provi u lanqas ghamel ebda sottomissjonijiet sabiex jissostanzja din l-eccezzjoni li qed tigi ghalhekk minnufih respinta.

"Fil-mertu rrizulta mill-provi illi l-attur jipposjedi bi qbiela bicca art fin-Nadur u l-konvenut jipposjedi l-ghalqa ta' fejnha li tigi f'livell aktar baxx minnha. Huwa ammess illi l-konvenut ghandu dritt ta' passagg minn fuq l-ghalqa ta' l-attur sabiex jinzel ghall-ghalqa tieghu. Li huwa kontestat huwa minn fejn ghandu jigi ezercitat dan l-access. L-attur jikkontendi illi dan l-access huwa mit-tarf ta' gewwa ta' l-ghalqa tieghu u mhux minn nofsha, kif jippretendi l-konvenut. Gara illi ghal xi zmien l-attur kien qed jinnota illi xi gebel fil-hajt tas-sejjieh li jifred l-ghalqa tieghu minn dik tal-konvenut, kien qed ikun imwaqqa jew nieqes, bil-konsegwenza li kien qed jitlef il-hamrija. Darba minnhom u precizament fl-20 ta' Dicembru 1993 nserta lill-konvenut fl-inhawi u x'hin ilmenta mieghu dwar dan, ammetta illi kien hu li kien qed inehhi l-gebel biex ikun jista' jghaddi minn hemm u sahansitra beda jheddu wkoll. In segwitu l-attur ghamel anke rapport lill-Pulizija, li anke hadet passi kriminali kontra l-kontendenti u wara saret il-kawza prezenti.

"Fil-kors tas-smiegh tal-kawza saru hafna tentattivi mid-difensuri rispettivi sabiex tintlahaq soluzjoni bonarja, u sussegwentement il-konvenut anke obbliga ruhu li jpoggi kollox kif kien. Billi madankollu l-kontendenti baqghu ma qablux kif kellu jerga' jitla dan il-hajt, il-Qorti kellha anke

[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia: Appell Civ. 7.3.1958 – vol. XLII. I. 86 .

taghmel access fuq il-post. Hemmhekk gie konstatat illi fil-parti li kienet tinqala' mill-konvenut biex jinzel ghall-ghalqa tieghu, il-hajt tas-sejjieh ma kienx shih bhall-kumplament tieghu. Il-konvenut sostna li ma regghax bnieh kollu halli ma joqghodx inehhi hafna gebel kull darba li jkun irid jghaddi minn hemm.

“Dawn il-pretensjonijiet tal-konvenut huwa pero` ghal kollox irrilevanti ghall-iskop ta' din il-kawza. Gialadarba jirrizulta illi l-elementi ta' kawza bhal din gew sodisfatti ghax:

“1. gie pruvat li l-attur kien fil-pussess tal-hajt tas-sejjieh fejn saret is-selha (*possedisse*);

“2. gie anke ammess mill-istess konvenut li kien hu li qala' l-gebel minn dan il-hajt biex ikun jista' jaccedi minn hemm ghall-ghalqa tieghu (*spoliatum fuisse*); u

“3. il-kawza saret fi zmien xahrejn mil-ispoll (*infra bimestre deduxisse*), kif gie ampjament ippruvat mill-okkorrenza relattiva[3], u mit-tahrika tal-kawza tal-Pulizija u s-sentenza relattiva[4];

“Ma jibqa' ebda indagini ohra mehtiega ghall-iskop ta' din il-kawza.

“Ghal dawn il-motivi tiddeciedi l-kawza, billi filwaqt illi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, tilqa' t-talbiet attrici u:

“1. tiddikjara illi bl-agir tieghu l-konvenut ikkommetta spoll vjolenti u klandestin fil-konfront u a dannu ta' l-attur;

“2. konsegwentement tikkundannah jisporga l-ispoll minnu kommess billi jaghlaq is-selha maghmula fil-hajt tas-sejjieh li jifred l-ghalqa tieghu minn dik ta' l-attur u jgib dan il-hajt kif originarjament kien u cioe` tal-wisgha u gholi tal-kumplament tieghu u dana fi zmien hmistax (15) il-jum mill-lum; u

[3] Dok. MA. 1 a fol. 58 tal-process .

[4] a fol. 40, 41 .

“3. fin-nuqqas tawtorizza lill-attur sabiex jaghmel dan hu stess.

“Minhabba l-intransigenza tal-kontendenti li minkejja diversi stediniet tal-Qorti, baqghu jirrifjutaw li jirrisolvu bonarjament kwistjoni daqstant zghira, l-ispejjez ghandhom jigu ssoportati ugwalment bejniethom.”

**3.** Kif inghad, l-ewwel li appella kien l-attur. Huwa bazikament jikkontendi li z-zewg ragunijiet migjuba mill-ewwel Qorti biex tiggustifika li tiddipartixxi mir-regola li t-tellief ghandu jbati l-ispejjez – u cioe` it-tul ta’ zmien li hadet il-kawza biex tinqata’ u l-fatt li l-kontendenti “baqghu jirrifjutaw li jirrisolvu bonarjament kwistjoni daqstant zghira” – ma kienu qatt jiggustifikaw l-ispartizzjoni ta’ l-ispejjez kif deciz minn dik il-Qorti. Fl-appell incidentali tieghu, il-konvenut jillanja li mill-provi ma jirrizultax li l-kawza saret fi zmien xahrejn mill-allegat spoll; fit-tieni lok jilmenta li *“…ma seta qatt kien hemm spoll maghmul mill-konvenut fil-konfront ta’ l-attur meta l-istess attur xehed fis-seduta tal-25 ta’ Ottubru 1994 illi ‘il-konvenut Muscat ghandu dritt ta’ passagg biex jghaddi minn fuq ir-raba tieghi’. Illi ghalhekk dak li proprjament ghamel il-konvenut kien illi ezercita dan id-dritt ta’ passagg tieghu u allura l-attur ma jistax jilmenta minn dan il-fatt u jippretendi illi l-konvenut appellant odjern ikkommetta spoll fil-konfront tieghu.”*

**4.** Huwa evidenti li logikament wiehed ghandu jezamina l-ewwel l-aggravji tal-konvenut (appellant incidentali), ghax jekk ghandu ragun ikun hemm lok li jinbidel kollox. Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-provi kollha, izda hi tal-fehma li dawn l-aggravji mhux biss huma infondati izda jirrazentaw il-fieragh. Kwantu ghad-data meta gie kommess l-ispoll – it-tnehhija ta’ gebel li kienu jiffurmaw parti minn hajt li kien iservi wkoll biex l-ghalqa tal-attur ma titlifx hamrija – ghalkemm huwa minnu li l-Pulizija harrku lill-partijiet (kemm lill-attur kif ukoll lill-konvenut – ara l-kopji tac-citazzjonijiet a fol. 38 u 40 tal-process) fuq akkuzi ta’ ksur tal-bon-ordni u l-paci pubblika u theddid verbali u mhux ta’ *ragion fattasi*, id-dikjarazzjoni guramentata tal-attur (fol. 4)

fis-sens li l-konvenut nehha parti mill-hajt proprju nhar it-Tnejn, 20 ta' Dicembru 1993 mhux biss ma gietx kontradetta, izda giet addirittura konfermata mill-konvenut stess meta huwa xehed fis-7 ta' Novembru 2000. Hu evidenti li meta l-konvenut kien qed jigi mistoqsi mill-avukat difensur tieghu, in ezami, biex jghid "x'gara dak inhar" ir-referenza kienet ghall-gurnata meta wara – aktar tard – tfacca l-konvenut u bejniethom ghadda kliem li wassal ghall-akkuzi li jirrizultaw mic-citazzjonijiet aktar 'l fuq imsemmija. Il-konvenut jammetti li f'dak il-jum huwa nehha parti mill-hajt – ghalkemm jimminimizza l-akkadut billi jghid li kullma nehha kienu "zewg gebliet" (fol. 75, 76) – u dan peress li, skond hu, kien difficli ghalih, minhabba l-eta` tieghu, li jghaddi minn fejn ried jghaddi billi jiskavalka l-hajt u juza speci ta' zewg targiet tal-gebel, kif qed jippretendi li kellu jaghmel l-attur[5]. Ma hemmx dubbju, ghalhekk, li c-citazzjoni giet prezentata entro t-terminu ta' xahrejn mid-data meta sar l-att spoljattiv, u cioe` t-tnehhija ta' parti, anke jekk zghira, mill-hajt fl-20 ta' Dicembru 1993. Kwantu ghat-tieni aggravju tal-konvenut, dana wkoll huwa manifestament infondat. L-ispoll f'dan il-kaz jikkonsisti fit-tnehhija ta' parti mill-hajt – l-iskop ghala tnehha, u cioe` jekk hux biex il-konvenut jinzel bil-mohriet, kif jinghad fic-citazzjoni, jew biex jghaddi bir-rigel minghajr perikolu minhabba l-eta`, kif jghid il-konvenut fid-deposizzjoni tieghu[6], hu rrelevanti. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, l-attur qatt ma cahad li l-konvenut ghandu dritt li jghaddi minn fuq ir-raba tieghu – ara d-deposizzjoni tal-attur a fol. 12; dak li l-konvenut ma setax jaghmel huwa li, biex jghaddi minn fejn kien indikat, minhabba l-assenza ta' sigar jew bajtar, li wiehed seta' jghaddi[7], ma setax ihott il-hajt jew parti minnu, imma kellu jiskavalka l-hajt kif dejjem kien isir. Altrimenti kien hemm access ghall-ghalqa tal-konvenut minn band'ohra[8]. Gustament ghalhekk l-ewwel Qorti rriteniet li kien hemm spoll billi tnehha l-hajt, jew parti minnu, li kien fil-pussess

---

[5] Ara in partikolari d-deposizzjoni tal-konvenut a fol. 84; id-deposizzjoni tal-attur, fol. 88 sa 93; u r-ritratt a fol. 98.

[6] Ghalkemm in kontro-ezami donnu jimplika li huwa ghadda wkoll bil-mohriet – ara fol. 78, 80.

[7] Ara d-deposizzjoni ta' l-attur a fol. 90, u r-ritratta fol. 98.

[8] Ara d-deposizzjoni tal-konvenut a fol. 80.

ta' l-attur. Konsegwentement l-appell incidentali ma jistax jirnexxi.

**5.** Nigu issa ghall-appell principali. Din il-Qorti, bhall-attur appellant, ma tistax tifhem kif u ghala l-ispejjez gew spartiti bin-nofs bejn il-kontendenti. Il-fatt li l-kawza damet, ma hix *per se* "raguni tajba ohra" fis-sens tas-subartikolu (3) ta' l-Artkolu 223 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. Ghall-precizjoni ghandu jinghad li din ir-raguni tad-"dewmien" tal-kawza ma tissemmiex espressament mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, izda hija implicita fl-ahhar paragrafu ta' l-imsemmija sentenza fejn jinghad: "Minhabba l-intransigenza tal-kontendenti li minkejja diversi stediniet tal-Qorti, baqghu jirrifjutaw li jirrisolvu bonarjament kwistjoni daqstant zghira, l-ispejjez ghandhom jigu sopportati ugwalment bejniethom." (sottolinear ta' din il-Qorti). Jekk il-kwistjoni kienet verament "daqstant zghira", allura kien jinkombi fuq il-Qorti li tara li s-seduti jsiru aktar qrib xulxin biex il-partijiet jezawrixxu malajr il-provi taghhom u hija tkun tista' tghaddi ghas-sentenza. Jigi osservat li f'dan il-kaz ma jirrizultax li parti jew ohra abbuzat mill-procedura gudizzjarja, ghax kieku l-ewwel Qorti kienet certament tapplika l-provvedimenti tal-partita 10 tat-Tariffa A, Skeda A tal-Kap. 12. Anqas ma hi, fil-fehma ta' din il-Qorti, "raguni tajba ohra" ic-cirkostanza li l-partijiet ma rrizolvewx bonarjament il-kwistjoni bejniethom – altrimenti, kif tajjeb osserva l-attur appellant fir-rikors ta' appell tieghu, min jigi spoljat u, kif ghandu jaghmel flok ma jiehu l-ligi b'idejh, imur quddiem il-Qorti biex id-drittijiet tieghu jigu protetti u kollox jerga' jitqieghed fl-istat li kien fih qabel l-ispoll, jispicca indirettament imgieghel jasal ghal xi kompromess minhabba li jkun jista' jehel parti mill-ispejjez jekk ma jitransigix. Fi kwalunkwe kaz, f'dan il-kaz ma kien hemm xejn x'jigi transatt – sar spoll u dan kellu jitnehha u kollox jitqieghed fl-istat li kien fih qabel. Ghalhekk l-appell tal-attur ser jigi akkolt.

**6.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti (1) tichad l-appell incidentali tal-konvenut, (2) tilqa' l-appell ta' l-attur u konsegwentement tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ordnat li l-ispejjez

(tal-ewwel istanza) jigu sopportati ugwalment bejn il-kontendenti, u minflok tordna li dawn l-ispejjez jigu sopportati kollha mill-konvenut, u tikkonferma s-sentenza appellata fil-bqija b'dan li t-terminu ta' hmistax-il jum prefiss f'dik is-sentenza ghandu jibda jiddekorri mil-lum. L-ispejjez ta' dana l-appell (inkluz l-appell incidentali) jithallsu wkoll kollha mill-konvenut Giovanni Muscat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------